MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1661/1994/2

L-Avukat Dr. Stephen Thake bhala Segretarju u ghan-nom tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja tal-assenti Andrew Wallace f'ishmu propju u ghan-nom tad-ditta estera assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds u din kif tinsab issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Agius f'ishmu propju u ghan-nom tad-ditta Aquarius Rent A Car
vs
Joanne Allison Grech u b'digriet tas-17 ta' Mejju 1995 gie kjamat fil-kawza id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur noe li biha ppremetta:

Illi l-attur nomine fil-kwalita` premessa tieghu u fuq it-talba u fl-interess tal-imsemmi assikurat tieghu Joseph Agius kien jassikura l-vettura tal-marka Ford Fiesta numru ta' registrazzjoni X-3919 taht polza "comprehensive".

L-imsemmi Joseph Agius kien kera l-istess vettura X-3919 lil certu Peter Hay b'mod allura li l-konvenuta Joanne Allison Grech kienet ghal kollox prekluza milli taghmel uzu mill-istess vettura matul il-perjodu li l-imsemmija vettura kienet mikrija u fdata lill-istess Hay.

Pero` fil-31 ta' Ottubru 1994 il-konvenuta minghajr il-kunsens tal-assikurat tal-attur nomine u minghajr il-kunsens tal-imsemmi Hay, kienet hadet u serqet l-istess vettura X-3919 u kienet saqet l-istess fit-triq.

Billi fl-istess gurnata ghall-habta tal-10.00 p.m. gewwa s-Salina, l-istess konvenuta b'imperizja, nuqqas ta' hsieb u traskuragni u filwaqt allura li kienet qedha ssuq il-vettura X-3919, kienet habtet ma' vettura ohra Fiat Uno numru L-6119 misjuqa minn Carmelo Micallef u kienet ikkawzat danni estensivi fl-istess vettura X-3919 assikurata mill-attur nomine.

In vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, l-attur nomine kien ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurat tieghu Joseph Agius fil-vettura X-3919 kawzati mill-konvenuta u b'dan il-mod l-istess attur nomine kien gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assikurat tieghu.

L-attur nomine talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-imsemmija konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-kollizjoni tal-31 ta' Ottubru 1994 gewwa Salina ghad-danni kollha konsegwenzjali mgarrba fl-imsemmija vettura X-3919.

2. Tiddikjara li in vista tal-fatt illi l-konvenuta ma kenitx awtorizzata li ssuq il-vettura X-3919, l-istess konvenuta hija obbligata taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-kollizjoni tal-31 ta' Ottubru 1994.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine previa okkorrendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine in linea ta’ danni, dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ qbid tat-18 ta’ Novembru 1994 u tal-mandati ta’ sekwestru u impediment tas-safar prezentati fit-2 ta’ Dicembru 1994 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuta ma kenitx responsabbli tal-kollizjoni in kwistjoni;

Illi certament parti jew ir-responsabbilta` totali tal-incident in kwistjoni kienet attribwibbli ghall-awtorita` governattiva responsabbli ghall-manutenzjoni tat-toroq li kwindi kellha tigi kjamata in kawza.

B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tad-Direttur tat-Toroq li biha eccepixxa:

1. Illi b’ebda mod il-kjamat in kawza ma kien naqas milli bl-ahjar mod possibbli jippreserva l-manutenzjoni tajba u mistennija tat-toroq fl-inhawi tas-Salina fejn kien gara l-incident in kwistjoni.

2. Illi r-responsabbilta` unika u esklusiva tal-imsemmi incident awtomobilistiku manifestament kellha tigi attribwita lill-konvenuta l-ohra Joanne Allison Grech, u, ghalhekk il-kjamat in kawza kien gie kjamat f’dawn il-

proceduri inutilment u kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tat-Toroq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamat in kawza.

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju, 1995 li bih Dr. Joseph Azzopardi gie nominat bhala Perit Legali.

Rat id-digriet tas-6 ta' Ottubru, 2003 li bih gie nominat Dr. Simon Micallef Stafrace bhala Perit Legali in sostituzzjoni ta' Dr. Joseph Azzopardi li gie elevat ghall-gudikatura.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Simon Micallef Stafrace li fih semma:

"Responsabilita`

12. Il-provi rigward il-kwistjoni ta' responsabilita` ghall-incident juru bla ebda dubju li l-incident in kwistjoni gara fuq in-naha tat-triq li kienet tispetta lil Micallef. L-iskizz tal-pulizija, ix-xhieda okulari ta' Micallef stess u ta' Dr. Albert Libreri huma cari daqs kristall dwar dan u naturalment ghandha l-komfort tal-pjanti maghmula mill-perit AIC R. Aquilina.

13. Sa hawn certament ma hemm ebda problema. Il-kwistjoni kollha kemm hi pero` hija fl-ahhar mill-ahhar kif

espressa sewwa fin-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta Grech. Il-kwesit hawn huwa wiehed: hemm elment ta’ kontributorjeta` da parti ta’ min kellu jmantni t-toroq. Dwar l-allegata tumbata/hofra hemm dawn il-provi:

- L-ex-surgent Saviour Portelli stqarr li kien hemm certament hofra fit-triq fil-karreggjata li fiha kienet niezla Grech. Kienet hofra li *kienet tali li l-karozzi jieqfu quddiemha inkella jiehdu tisbita kbira*.

- Dr. Albert Libreri spjega li l-hofra kienet *fonda kienet kemm jinkixef it-tajn kollu ta’ fuq xi pulzier skars*.

14. Certament l-esponent ihoss li hemm il-prova cara li kien hemm hofra ta’ certu entita` fit-triq. IZDA kienet tali li teffettwa l-incident? Hawnhekk l-esponenti ma jistax ma jaghtix kaz dak li jidher li hemm fl-iskizz tal-pulizija kif ukoll fil-pjanta tal-perit AIC Aquilina - –it-tnejn **hemm in-nuqqas assolut tal-hofra in kwistjoni**. Dan ifisser bl-aktar mod car li kemm is-Surgent kif ukoll il-perit ***a tempo vergine*** **ma hassewx li kienet tali li kellha titnizzel fl-iskizz**. Il-perit Aqiulina huwa perit struwit f’dan it-tip ta’ xoghol u huwa zgur li n-nuqqas tal-hofra fil-pjanta hija ta’ rilevanza assoluta. Irid jinghad ukoll li fil-pjanta tal-perit Aquilina ma tidhirx din il-hofra fit-tul ta’ 40 metru li hemm mill-pozizzjoni tal-vetturi lura lejn in-Naxxar. Kif del resto hija rilevanti d-dikjarazzjoni ta’ Dr. Libreri li l-hofra kienet tali li kienet fonda kemm jinkixef it-tajn u, krucjalment, id-dikjarazzjoni tal-ex surgent li l-karozzi jieqfu inkella jiehdu tisbita kbira.

15. Irid jinghad ukoll li fl-okkorrenza mkien ma tissemma din il-hofra liema **fatt** allura jaghti nuqqas ta’ rilevanza kbira lill-hofra in kwistjoni.

16. L-esponent ihoss ukoll li huwa rilevanti ghal finijiet ta’ din il-vertenza li ma ngiebet ebda prova li dakinhar kien hemm rapporti dwar il-hofra in kwistjoni, jew li kien hemm xi incidenti ohra minhabba din il-hofra. In-nuqqas ta’ rapporti huwa wkoll indikattiv ta’ sitwazzjoni normali ta’

sewqan – ma kien hemm xejn **anomalu** li qabel dak il-hin gie rappurtat lill-korp tal-pulizija.

17. Dan ir-ragunament iwassal ghall-konkluzjoni tal-umli esponenti li ghall-incident kienet unikament responsabbli l-konvenuta Grech anki minhaba l-fatt li kienet l-ewwel darba li kienet qed issuq il-vettura in kwistjoni u li ghalhekk kien hemm element ta' nuqqas ta' esperjenza fis-sewqan relattiv.

**Valuri**

18. Is-socjeta` attrici ghamlet talba ghal-likwidazzjoni tad-danni subiti. Mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda relattiva rrizulta li l-ammont ta' danni li qed jintalab huwa ta' Lm2500. Is-socjeta` Aquarius Rent A Car m'ghamlitx talba ghall-hlas lura ta' excess.

19. Billi ntalab ammont da liquidarsi l-ammonti dovuti ma jgorrux imghax.

**KONKLUZJONIJIET**

20. L-esponent perit legali huwa tal-opinjoni li ghall-incident mertu ta' din il-kawza kienet unikament responsabbli l-konvenuta Joanne Alison Grech u ghalhekk ghandha tirrispondi hi ghad-danni subiti mis-socjeta` attrici fl-amont ta' Lm2500."

Xehed il-perit legali <u>Dr. Simon Micallef Stafrace</u> li qal li riferibilment ghad-domandi li sarulu u li jinsabu a fol 142 et tal-process, dwar l-ewwel domanda u cioe' dwar kapitolu preliminari fuq id-domandi li saru taht il-kapijiet A, B, C u D qal li dak il-paragrafu preliminari huwa biss preliminari jigifieri fih hu ghamel riassunt. Hu ma jaghmilx kopja ta' kull m'hemm imnizzel fic-citazzjoni u fl-eccezzjonijiet. Zied jghid li d-dicitura fic-citazzjoni hija ferm itwal, inkluz bl-ispejjez u affarijiet ohra. Qal li s-socjeta` qed titlob il-flus. Dawk huma fatti irrilevanti ghad-dicitura tar-relazzjoni. Qal li dak li hemm fil-paragrafu B bhala stat ta' fatt huwa korrett. Dwar paragrafu C qabel ma' dak li kien

qed jigi sottomess u fil-fatt il-vettura misjuqa minn Carmelo Micallef minhabba l-fatt li qaleb in-numri.

Mistoqsi ttrattax it-tieni talba jew le rrisponda li ***as such*** le minhabba li l-eccezzjoni kienet fuq il-mertu ta' l-incident. Meta qara' t-talbiet u l-eccezzjonijiet u waqt is-seduta li ghamlu fl-ahhar il-partijiet kienu llimitaw ruhhom ghall-kwistjoni ta' responsabilta` u hu baqa' fuq il-kwistjoni ta' responsabilta`. Ghalhekk bhala tali t-tieni talba ma kkunsidrahiex u ghalhekk ma kienx ghad fadallu iktar xi jghid. Riferibilment dejjem ghal dak li hemm a pagna 142 dwar il-kapitlu tal-provi u cioe` t-tieni domanda, qal li hu strah fuq ix-xhieda li nghatat minn Charles Galea li kien rapprezentant ta' Laferla Insurance. Qal li ghalih ma kienx importanti jekk Joanne Alison Grech kenitx koperta mill-assikurazzjoni u hu kien dehrlu li l-partijiet kien jinteressahom min kien responsabbli ghall-incident.

Riferibbilment ghal dak li hemm fit-tielet domanda u s-sub paragrafi taghha riferibilment ghax-xhieda ta' l-Ispettur Micallef qal li sfortunatament id-domanda numru tlieta, erbgha, hamsa, sitta u sebgha u anke tmienja sa certu punt ma tantx tista thallihom b'mod generali ghaliex kienu qed jigu ***into question*** pjanta li saret mill-Perit Richard Aquilina. Ix-xhud qal li hu kien qaghad fuq dik il-pjanta. Deherlu li l-Ispettur Micallef kwazi kwazi ma ftakarx sewwa x'kien gara. Zied jghid li l-kwistjoni tat-tliet ***skid marks*** jew ***brake marks*** hu ma kellux ideja x'setghu kienu u hu ma kienx mar fuq il-post. Qal li hu ma kellux ideja, kellu l-pjanta u qaghad fuqha. Zied jghid li dwar il-fatt li l-kollega tieghu semma li kien hemm u li hu stess ra tliet marki mhollija mir-roti ix-xhud qal li jekk ma kienx sejjer zball l-avukat sotto ffirmat xehed li wkoll ra biss tliet marki. Din semmiha fir-rapport f'paragrafu hdax fejn hemm imnizzel li flok zewg marki tar-roti fit-triq kien hemm tliet marki u l-marka tan-nofs kienet vicin hafna l-marka tal-lemin.

Zied jghid li setghu kienu ***skid marks*** jew ***break marks***. Mistoqsi jekk il-Perit Aquilina setax ghamel zball irrisponda li kullhadd jista' jaghmel zball izda fl-ahhar mill-ahhar hu kien ha decizjoni u mexa fuq ir-rapport tal-perit.

Kien hemm ukoll il-kwistjoni ta’ l-hofra x’tip ta’ hofra kienet. Qal li d-domanda numru tmienja hija domanda in generali. Qal li hu ma kienx jaf x’tip ta’ hofra kien hemm ghax hu ma kienx hemm. Zied jghid li hu kellu pjanta maghmula minn persuna ta’ esperjenza kbira f’dawn l-affarijiet. Deherlu li l-perit ghamel l-access fis-siegha ta’ filghodu. Fil-paragrafu 14 ix-xhud kiteb il-Perit Aquilina huwa perit struwit f’dan it-tip ta’ xoghol u huwa zgur li n-nuqqas tal-hofra fil-pjanta hija ta’ rilevanza assoluta. Ix-xhud sostna li l-fatt li l-hofra ma kenitx hemm tfisser li ghall-perit Aquilina ma kenitx importanti. Qal li hu ghamel hafna perizji mall-Perit Aquilina u gieli mxew lura anke mitt metru izda fir-rapport ma tnizzilx kollox. Qal li jista’ jkun li l-hofra skappatlu lill-perit. Ix-xhud kien jahseb li kienet tezisti din il-hofra pero` ferm aktar ‘il fuq mill-post ta’ l-incident, dawk l-erbghin metru. Ix-xhud qal li kien hemm ***tyre mark*** u ***mhux skid mark***. Sostna li hu kellu mnizzel ***tyre marks*** u allura qaghad fuq dak li kelu mnizzel. Qal li normalment meta juzaw il-kelma ***tyre marks*** tfisser ***brake marks*** ukoll ***as opposed to skid marks*** ghax dawk ikunu ***the tyre marks*** tal-vettura ghaddejja fit-triq ***on brake*** u kieku jaghmel il-kelma ***skid mark*** normalment il-perit. Ix-xhud qal li hu kien qed jipprova jaghmel evalwazzjoni b’mod generali. Dwar il-hofra qal li fil-fehma tieghu din ma kenitx tali li fil-fehma tal-Perit Aquilina kienet daqshekk importanti ghall-finijiet ta’ l-incident.

L-Ispettur Micallef kien qal li jiftakar li mar fuq il-post u daqshekk. Qal li hu qaghad fuq il-pjanta tal-perit. Dwar nuqqas ta’ rapporti dwar incidenti ohra, li ried ifisser biha kienet li mkien ma saret xi prova li ma kienx hemm rapporti dwar incidenti ohra minhabba dik il-hofra u ghalhekk kieku l-hofra kienet daqshekk kbira ghaliex ma kienx hemm rapporti u jekk kien hemm ghaliex ma gewx esebiti?

Fost id-diversi ragunamenti li x-xhud hass li kien importanti li jaghmel, tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenuta qalet li kien hemm hofra enormi li trid tieqaf tizbita u kienet hofra ta’ certu importanza jew almenu kienet il-hofra li wasslet ghall-incident, ix-xhid iddecieda u semma fir-rapport f’paragrafu sittax “li huwa rilevanti ghal finijiet ta’

din il-vertenza li ma ngabet l-ebda prova li dakinhar kien hemm rapporti dwar il-hofra in kwistjoni jew li kien hemm incidenti ohra dwar din il-hofra. In-nuqqas ta' rapporti huwa wkoll indikattiv ta' sitwazzjoni normali ta' sewqan. Ma kien hemm xejn anomalu li qabel dak il-hin gie rappurtat lill-korp tal-pulizija". Hu ha in konsiderazzjoni l-fatt li ma saret ebda prova dwar il-hofra.

Disghin fil-mija mexa fuq il-pjanta esebita mill-Perit Aquilina li ma turi ebda hofra. Tenut kont ukoll li meta ssir l-inkjesta fuq il-post ikun hemm il-pulizija nkluz l-ispettur Micallef, inkluz dak is-surgent li t-tnejn li huma ma qalulux isma indikaha ghax kieku kien jindikaha. Ghax-xhud din kienet importanti. Il-perit imur fuq il-post u jaghmel stampa ta' dak kollu li hemm li hu jhoss li huwa ta' rilevanza. Issa mbaghad jekk kien hemm affarijiet ohra li thallew barra trid issir il-prova dwarhom.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fit-22 ta' Mejju l-Qorti tat il-fakulta` lill-konvenuta tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet sas-17 ta' Lulju, 2006 u l-kontroparti sal-31 ta' Awissu, 2006. Peress li hadd minnhom ma pprezenta nota ta' osservazzjonijiet, fit-30 ta' Ottubru, 2006 estendiet it-terminu tal-konvenuta ghall-ahhar darba sal-20 ta' Novembru, 2006 u lill-kontroparti sal-14 ta' Dicembru liema nota setghet issir anke fin-nuqqas tan-nota originali. Din il-Qorti regghet gharblet fit-tul ix-xhieha moghtija, u waslet ghall-konkluzjoni li taqbel perfettament mall-konkluzjonijiet tal-Perit Legali.

Dak li kien essenzjali li jigi determinat kienet ir-responsabbilta` tal-incident. L-incident gara fuq in-naha tat-triq li ma kenitx tal-konvenuta. Ghaliex spiccat hemmhekk? L-unika raguni moghtija hija l-hofra kbira fit-triq. Izda kemm il-pjanta tal-Perit Aquilina kif ukoll l-iskizz tal-pulizija ma jindikawx l-imsemmija hofra. Huwa ovvju li meta saru l-pjanta u l-iskizz ma nhassx il-bzonn li din il-hofra tigi indikata.

Il-Qorti thoss li bniedem ta' esperjenza bhall-Perit Aquilina certament kien jindika din il-hofra li kieku fil-fehma tieghu

din kienet sinifikanti. Lanqas ma giet imsemmija fl-okkorrenza. Lanqas ma rrizultaw incidenti ohra fl-istess lokalita` fl-istess gurnata. Dan iwassal biex il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta li ma kienitx responsabbli ghall-incident ***de quo.***

Lanqas ma giet pruvata xi htija fuq il-kjamat in kawza Direttur tad-Dipartiment tat-toroq u ghalhekk tichad ukoll it-tieni eccezzjoni. Infatti l-htija tal-kjamat in kawza ma giet pruvata b'ebda mod.

Lanqas ma ssib ebda raguni ghala ghandha tvarja l-ammont ta' LM2500 li rrizulta bhala danni.

Fl-ahhar nett il-Qorti sejra tikkunsidra l-element ta' imghax. Din il-qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **France Cutajar vs Francis Fenech** deciza fil-15 ta' Marzu, 2005 qalet hekk:
"Dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likkwidat. Il-principju hu li ***in illiquidis non fit mora*** ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora. Ara f'dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri noe vs. Candida Dimech ed altri** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi: "…………..il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione………….."

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
"I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione".

**Mallia Tabone Utrinque** – 8 ta' Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:
"Ma non essenso chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione".

**Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:
" …………meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

**Maria Ellul Bonnici et vs. Felice Mercieca et noe** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:
"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut** – Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Dicembru, 1991):
"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

**Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.

Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax seta' jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet

**Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta’ Novembru 2001 inghad:
“Din il-Qorti allura mhix qeghda b’mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju in illiquidis not fit mora, specjalment fejn ir-responsabilita’ ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur “ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f’kawza ta’ likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza………..” hi s-suggett ta’ zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.
Omissis
B’dana kollu din il-Qorti f’kawza b’mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita’ li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta’ responsabilita’ ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta’ likwidita’ tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita’ ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta’ l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat.” [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim’Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta’ Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:
“Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta’ danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b’attur gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;” [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim’ Awla fis-16 ta’ Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b’referenza ghal in illiquidis non fit mora inghad:
“Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista’ jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista’ ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 **Schembri vs Dr L Buhagiar** 28/2/1997.

Ghalhekk il-principju generali hu li in illiquidis non fit mora ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita` li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta’ responsabilita` ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta’ likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu.."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi:
Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;
Issibha unikament responsabbli ghall-kollizjoni tal-31 ta’ Ottubru 1994 gewwa Salina ghad-danni kollha konsegwenzjali mgarrba fl-imsemmija vettura X-3919;
Tiddikjara li in vista tal-fatt illi l-konvenuta ma kenitx awtorizzata li ssuq il-vettura X-3919, l-istess konvenuta hija obbligata taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-kollizjoni tal-31 ta’ Ottubru 1994;
Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta’ LM2500 [elfejn u hames mitt lira];
Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine in linea ta’ danni is-somma ta’ LM2500;
Tichad it-talba ghall-imghax;
Spejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------